MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 678/2011

**Charles Grech & Company Limited (C2473)**

**vs**

**Mark Anthony Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Firm Camilleri Bros. (Marketing) Company Limited (C40670)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Charles Grech & Co. Ltd., li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi, talab lil din il-Qorti:

Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lill-intimati ihallsu lis-socjeta’ rikorrenti, is-somma ta’ €31,964.94 (wiehed u tletin elf, disa’ mija u erbgha u sittin Ewro u erbgha u disghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-intimati, bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju prezentati kontestwalment, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat li l-intimati, ghalkemm debitament notifikati, ma dehrux ghall-kawza.

Peress illi fic-cirkostanzi, it-talbiet attrici jinsabu konfermati ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti, it-talba jisthoqqilha li tigi milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ Charles Grech and Company Limited u tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta’ rikorrenti, is-somma ta’ €31,964.94, bl-ispejjez[1] kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[1] Kelma mibdula minflok “spejjez” ghandha ssir “imghaxijiet” in forza tad-digriet tal-Qorti tat-23 ta’ Mejju, 2012.